30 ta' Ottubru, 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Gio Maria Vella et. *versus* Giovanni Bonanno (*)

**Depożitu — Nullità — Kompetenza —**

**Art. 775 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Huwa veru li kawża fuq depożitu għandha ssir fil-Qorti li taħt l-awtorità tagħha d-depożitu jkun ġie magħmul, għax in-natura tal-kawża tipparteċipa min-natura tad-depożitu. U fil-liġi tagħna din hija regola assoluta.*

*Imma meta l-kawża ma tirrigwardax żbank, imma tirrigwarda d-dikjarazzjoni tan-nullità jew le tad-depożitu għax magħmul taħt l-awtorità ta' Qorti diversa minn dik li quddiemha tkun il-kaw-*

(*) 67—68, Vol. XXXVII, P. I. sez. 2.

*ża; u dik it-talba lanqas ma tifforma l-meritu prinċipali tal-kawża, imma tkun preordinata għal talba oħra li hija t-talba prinċipali, il-Qorti li quddiemha tkun il-kawża hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kwistjoni tan-nullità tad-depożitu, għalkemm dan ikun jaqa' taħt l-awtorità ta' Qorti oħra. U dik il-Qorti mhix ġustifikata li tiddikjara ruħha inkompetenti "ex officio".*

---

(*) Ara sentenza fil-meritu, Appell Kummerċjali, 22 ta' Jannar, 1954 (pubblikata).

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-attur Gio Maria Vella huwa l-proprjetarju tal-fond nru. 73 Parish Street, Mellieħa, u l-mara ta' l-attur Bartolo hija l-proprjetarja tal-fond attigwu numru 72—fondi li ġew lilhom assenjati fid-diviżjoni ta' missierhom; u illi, qabel ma saret l-istess diviżjoni, iż-żewġ fondi kienu ġew mikrija mill-awtur tagħhom lill-konvenut bħala ħanut bl-abitazzjoni miegħu, bil-kera komplessiv ta' £15 fis-sena, kera li ġie mgħolli għal £18 b'deċiżjoni tal-Board li jirregola l-Kera tal-31 ta' Ottubru 1951, b'effett mis-17 ta' Marzu 1951; u li issa, li saret id-diviżjoni, il-konvenut jippretendi li kellu jħallas il-kera solidalment lill-atturi, billi jħallas il-kera kollu lil wieħed minnhom u jieħu riċevuta waħda; u li huma ippretendew, kif kellhom dritt skond il-liġi, li l-kera jitħallas fid-domiċilju ta' kull wieħed minnhom, billi l-konvenut iħallas 7/15 minnu lill-attur Vella u 8/15 lill-attur Filippo Bartolo, kif l-istess kera ġie maqsum mill-perit inkarikat minnhom, u huma jħallulu żewġ riċevuti ta' l-istess lokazzjoni; u li l-konvenut, flok li ħallas hekk, għadda għad-depożitu tal-kera fir-Reġistru ta' din il-Qorti b'ċedoli numru 340/1940, 361/1950, 300/1951, 387/1952, u fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzarja għall-Gżira ta' Malta b'ċedoli tat-23 ta' Ġunju 1952 u tad-29 ta' Settembru 1952; talbu, previa d-dikjarazzjoni tan-nullità tad-depożiti fuq imsemmija għar-raġunijiet esposti, illi l-istess konvenut jiġi kundannat iħallas is-somma ta' £34. 6. 0 lill-attur Vella u s-somma ta' £39. 4. 0 lill-attur Bartolo, tal-kera tal-fondi fuq

*riferiti* mis-17 ta' Marzu 1948 sas-16 ta' Diċembru 1952; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-29 ta' Mejju 1953, li biha dik il-Qorti laqgħet it-talbiet, bl-ispejjeż, flimkien ma' dawk taċ-ċedoli, kwart għall-atturi u tliet kwarti għall-konvenut; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

*Illi, kif jirriżulta mill-iskritturi, u kif jirriżulta wkoll mit-trattazzjoni orali tal-kawża,* il-konvenut ma għamelx kwistjoni dwar il-qasma allegata fl-att taċ-ċitazzjoni........... Il-konvenut jippretendi biss illi kellu *d-dritt, anki* wara l-imsemmija diviżjoni u ratizzazzjoni tal-kera, ikompli jħallas il-kera ntier lill-atturi, jew lil wieħed minnhom, u jeżiġi riċevuta minn għand it-tnejn, jew minn għand wieħed minnhom, għall-kera ntier; u għalhekk jirritjeni illi, ladarba huwa ddepożita l-kera wara li offrieh lill-atturi u dawna ma aċċettawhx, dak id-depożitu għandu jitqies li jiswa daqs il-ħlas ta' l-istess kera minnu *dovut*. *Il-konvenut ried* ikompli jħallas il-kera ntier lill-atturi jew lil wieħed minnhom, għaliex deherlu li f'*każ kun*-trarju jippreġudika d-dritt tiegħu li jikkunsidra l-lokazzjoni tal-ħanut u ta' l-ambjent għall-abitazzjoni bħala lokazzjoni waħda, forsi billi l-Board li jirregola l-Kera, *għal din ir-raġuni*, kien ċaħad it-talba ta' wieħed mill-atturi għall-awment ta' sehem mill-kera, jiġifieri tan-nofs, u allura l-atturi kienu jeżiġu minn għand il-konvenut li dan iħallas nofs il-kera lil wieħed u *nofs* lill-ieħor;

Illi, però, din il-pretensjoni tal-konvenut ma tistax tiġi milqugħa, u d-depożitu għandu jkun kunsidrat bħala mhux validament magħmul, anki jekk qabel l-*atturi* ppretendew illi l-kera jitħallas nofs lil wieħed u nofs lill-ieħor bħala komproprjetarji f'ishma ndaqs ta' l-istess fond uniku, kif il-fond kien qabel ma saret l-imsemmija diviżjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, li appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti tal-Kummerċ tad-29 ta' Mejju 1953;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, li talab ir-riforma tas-sentenza appellata fuq imsemmija u ċ-ċaħda tat-tal-

biet ta' l-atturi, billi s-sentenza tiġi revokata in kwantu ddikjarat nulli d-depożiti ndikati fiċ-ċitazzjoni, u in kwantu kkundannat lill-konvenut iħallas l-ammonti mitluba fiċ-ċitazzjoni u tliet kwarti mill-ispejjeż, u tiġi konfermata in kwantu l-atturi ġew kundannati jħallsu kwart mill-ispejjeż; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq il-kwistjoni preliminari;

Illi f'dan l-istadju l-konvenut appellant qajjem l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ relativament għad-dikjarazzjoni tan-nullità tad-depożiti, peress li dawna saru taħt l-awtorità ta' qrati diversi minn dik tal-Kummerċ. U tabilħaqq, erbgħa mid-depożiti ġew magħmula taħt l-awtorità tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u t-tnejn l-oħra taħt l-awtorità tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta;

Illi, bħala regola, il-kawża fuq depożitu għandha ssir fil-Qorti li taħt l-awtorità tagħha d-depożitu jkun ġie magħmul; għax in-natura tal-kawża tipparteċipa min-natura tad-depożitu stess; u għalhekk inħoloq l-aforisma "ubi depositum ibi judicium". Fil-liġi tagħna dik ir-regola hija assoluta (art. 775 (c) Kodiċi Proċedura Ċivili). Iżda fil-każ preżenti t-talba ma tirrigwardax żbank, imma tirrigwarda d-dikjarazzjoni tan-nullità tad-depożiti, u dik it-talba lanqas ma tifforma l-meritu prinċipali tal-kawża, iżda hija preordinata għal talba oħra li hija l-prinċipali, u li hija għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas tal-kera. It-talba relativa għad-dikjarazzjoni tan-nullità tad-depożiti tinfluwixxi fuq it-talba prinċipali; anzi mill-eżitu tagħha jiddependi l-eżitu tat-talba prinċipali relativa għall-ħlas tal-kera, peress li ma jistax jingħad jekk għadx hemm iddejn tal-kera qabel ma tiġi definita l-kwistjoni preliminari jekk humiex validi jew le d-depożiti. Peress li t-talba prinċipali kienet tidħol fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, għalhekk, bħala kwistjoni preambula għaliha, kienet tidħol ukoll fil-kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ it-talba relativa għad-dikjarazzjoni tan-nullità tad-depożiti; għaliex "cui jurisdictio data est, ea quoque concessa esse videntur sine quibus jurisdictio explicari non potuit" (L. 2 Dig. De Jurisdictione);

F'każ analogu, dina l-Qorti, fis-sentenza ta' l-10 ta'

Marzu 1911, in re "Angelo Falzon vs. Enrico Losco", fejn kienet ġiet mitluba d-dikjarazzjoni tan-nullità ta' depożitu ta' mfietaħ ta' dar u tar-responsabilità tal-konvenut għall-kera, ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ta' l-Ewwel Qorti; billi qalet:— "Che in quanto alla dichiarazione di essere nullo e di nessun effetto il deposito delle chiavi fatto dal convenuto nella Corte Civile dei Magistrati il 16 Marzo 1910, la Corte di Prima Istanza non solo era competente a prenderne cognizione, non trattandosi di conseguimento di deposito, ma essa doveva esaminare la validità od efficacia del deposito, perchè tale quistione influiva direttamente sulla domanda riguardante la durata della locazione" (Kollez. Vol. XXI—I—301);

Għaldaqstant, fil-każ tal-partijiet, għamlet sewwa l-Ewwel Qorti li ħadet konjizzjoni anki tat-talba relativa għad-dikjarazzjoni tan-nullità tad-depożiti, għalkemm dawn kienu ġew magħmula taħt l-awtorità ta' Qrati oħrajn; għax dik it-talba kienet tidħol fil-kompetenza tagħha, u ma kienx applikabili għaliha l-art. 775 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Civili, li ġa ssemma. *U dik il-Qorti, għaldaqstant*, ma kienetx tkun ġustifikata tiddikjara ruħha "ex officio" inkompetenti, kif jippretendi l-appellant;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, mogħtija f'dan l-istadju mill-appellant, bl-ispejjeż ta' dan l-inċident kontra l-appellant; u tordna li titkompla t-trattazzjoni ta' l-appell fuq il-meritu.

---